MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 132/2012

**A B D f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri J B D (L))**

**vs**

**1. C B**
**2. K H**
**3. Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interress li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi r-rikorrenti u l-intimat C B huma legalment isseparati permezz ta' kuntratt pubbliku datat id-19 ta' Novembru 2010 redatt fl-Atti tan-Nutar Dr Ruben Casingena (ara Dok LPB 1 hawn anness);

Illi nhar il-15 ta’ Awissu tas-sena 2009 twieled il-minuri J B D u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. LPB2;

Illi ghalkemm fiz-zmien tat-twelid ta’ l-imsemmi minuri kif ukoll fiz-zmien tal-koncepiment ta’ l-istess minuri, r-rikorrenti u l-intimat C B kienu ghadhom legalment mizzewgin, il-partijiet kienu diga’ separati de facto u kienu jghixu separatament u ghalhekk ma tezisti ebda possibilita’ li l-minuri huwa l-wild naturali ta’ l-istess intimat C B kif jista` jikkonferma l-istess intimat C B u kif wara kollox gie ddikjarat fuq l-istess kuntratt ta’ separazzjoni imsemmi;

Illi fil-fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-minuri J B D mhux il-wild naturali ta’ l-intimat C B. Huwa biss minhabba l-prezunzjoni legali li tohrog mill-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li c-certifikat tat-twelid jidentifika lill-intimat C B bhala l-missier naturali u xejn aktar;

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet ukoll li l-minuri J B D huwa l-wild naturali ta’ l-intimat l-iehor K H li dak iz-zmien kellu relazzjoni mar-rikorrenti, liema relazzjoni ghadha ghaddejja sal-gurnata tal-lum;

Illi r-rikorrenti trid li c-certifikat ta’ binha jkun jirrispekkja l-verita tac-cirkostanzi cioe illi l-missier naturali tal-minuri huwa K H u mhux C B;

Illi ghalhekk jehtieg li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi emendat b’tali mod li juri li l-intimat H K huwa l-missier naturali ta’ l-istess minuri;

Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li c-certifikat tat-twelid tieghu jkun jirrispekkja r-realta’ u dan anke in vista tal-fatt li l-istess minuri huwa konxju mill-fatt li l-intimat C B mhux missieru u fil-fatt jaf li H K bhala missieru;

Illi ghal kull buon fini, r-rikorrenti tiddikjara li hija lesta li tissottometti ruhha kif ukoll lill-minuri J ghal dawk it-testijiet genetici necessarji li perezz taghhom tista’ tigi eskluza l-

possibilita' li l-intimat C B huwa l-missier naturali tal-minuri ghalkemm fic-cirkustanzi ma thossx li hemm bzonn;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tiddikjara li l-minuri J B D mhux il-wild naturali ta' l-intimat C B u li l-istess intimat m'huwiex il-missier naturali ta' l-istess minuri;
(2) Tiddikjara li l-minuri J B D huwa l-wild naturali ta' l-intimat K H u li l-istess intimat huwa l-missier naturali ta' l-istess minuri;
(3) Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi minuri J B D mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem "C B", in-numru tal-karta ta' l-identita' rispettiva ta' l-intimat li ggib in-numru wiehed, tmienja, tmienja, wiehed, sitta u hamsa bl-ittra 'M', il-professjoni jew is-sengha ta' l-istess intimat, l-eta', il-post tat-twelid u residenza ta' l-intimat kif ukoll isem u kunjom missier l-intimat, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u minflok jigu sostitwiti bid-dettalji ta' l-intimat l-iehor K H u cioe', billi fil-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier jigi inserit il-kliem "K H", in-numru tal-karta ta' l-identita' rispettiva ta' l-intimat li ggib in-numru sitta, hamsa, zero, disgha u sebgha bl-ittra 'A' (65097 (A)), il-professjoni jew is-sengha ta' l-istess intimat, l-eta', il-post tat-twelid u residenza ta' l-intimat kif ukoll isem u kunjom missier l-intimat K H, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u tordna kull modifika ohra li tkun mehtiega f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;
(4) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ibiddel il-kunjom tal-minuri minn dak prezenti cioe' 'B D' ghal dak 'H' biex jrrispekkja kunjom il-missier naturali;

Bl-ispejjez kontra l-intimati C B u H K minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B D ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri J B D skont id-dettami tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi, *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri J B D, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri J B D, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għall-proċediment tal-azzjoni odjerna.

3. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri J B D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri J B D, kienet wettqet adulterju ma' K H u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lil K H bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri J B D, u dan *ai termini* tal-**Artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri J B D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

6. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-

esponenti jinvita lill-istess K H sabiex permezz ta’ nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri J B D, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta’ residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel J B D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit J B D;

7. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem C B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 2901 tas-sena 2009;

8. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għalhekk huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota ta’ ammissjoni li giet guramentata mill-konvenut K H, li *in forza* taghha huwa jiddikjara u jikkonferma :

Li huwa l-missier naturali tal-minuri J B D li twieled nhar il-15 ta’ Awissu tas-sena 2009 u dan *stante* li fiz-zmien it-twelid tat-tarbija kif ukoll fid-disa’ xhur precedenti mid-data tat-twelid, l-istess K H u l-attrici A B D kienu qeghdin jghixu flimkien;

Rat in-nota tal-konvenut C B, li permezz taghha informa lill-Qorti li ma kienx ser idahhal risposta guramentata sabiex jevita spejjez u inoltre iddikjara illi jaqbel mat-talbiet tal-atturi hekk kif dedotti salv li m'ghandux isofri l-ispejjez tal-proceduri istanti;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ipprezentat il-kawza odjerna sabiex il-Qorti tordna illi issir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri J B D fis-sens illi minflok jibqa jidher illi missieru naturali huwa C B jidher bhala missieru naturali il-konvenut K H u ghalhekk talbet lill-Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

Illi l-Qorti rat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fis-sens illi kienet nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A B D giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri J B D, u rat illi din l-eccezzjoni giet sorvolata anke kif effettivament gie dikjarat minn Dr Anthony Vella ghall-konvenut Direttur fil-verbal tal-Qorti tal-11 ta' Gunju 2013.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi din ukoll giet sorvolata kif jirrizulta min-nota ta' l-attrici a fol. 47 et seq ta' dan il-process.

Illi dwar il-mertu, il-Qorti rat illi effettivament, kif diga intqal, il-konvenut K H ipprezenta Nota ta' Ammissjoni u ikkonfermaha bil-gurament tieghu, fejn huwa ikkonferma illi huwa il-missier naturali tal-minuri J B D.

Illi il-Qorti rat ukoll in-nota tal-konvenut C B li permezz taghha informa lill-Qorti li ma kienx ser jipprezenta risposta guramentata peress illi jaqbel mat-talbiet kollha attrici.

Illi il-Qorti rat ukoll ir-rapport xjentifiku tad-DNA illi huwa il-prova regina f'kawza ta' paternita minn liema rapport jirrizulta illi il-missier naturali tal-minuri J B D huwa il-konvenut K H.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-attrici irnexxielha tipprova il-kaz taghha pjenament, irnexxielha ukoll tissorvola l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-minuri J B D mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut C B u li l-istess C B m'huwiex il-missier naturali ta' l-istess minuri; tilqa it-tieni talba attrici u tiddikjara li l-minuri J B D huwa l-wild naturali tal-konvenut K H u li l-istess konvenut K H huwa l-missier naturali tal-minuri; tilqa it-tielet talba u konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi minuri J B D mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem "C B", in-numru tal-karta ta' l-identita' rispettiva tal-konvenut li ggib in-numru wiehed, tmienja, tmienja, wiehed, sitta u hamsa bl-ittra 'M', il-professjoni jew is-sengha ta' l-istess konvenut, l-eta', il-post tat-twelid u residenza tal-konvenut, kif ukoll isem u kunjom missier il-konvenut u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u minfloku jigu sostitwiti bid-dettalji tal-konvenut l-iehor K H u cioe', billi fil-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier jigi inserit il-kliem "K H", in-numru tal-karta ta' l-identita' rispettiva tal-konvenut li ggib in-numru sitta, hamsa, zero, disgha u sebgha bl-ittra 'A' (65097 (A)),illi twieled Berat gewwa l-Albania, illi kellu ghoxrin (20) sena fid-data tat-twelid tal-minuri u meta twieled il-minuri kien jirrisjedi Berat gewwa l-Albanija u illi missieru jismu Fiqiri H u ghadu haj. Il-Qorti qeghda tilqa ukoll ir-raba talba attrici u qeghda tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex

ibiddel il-kunjom tal-minuri minn dak prezenti cioe' 'B D' ghal dak 'H' biex jrrispekkja kunjom il-missier naturali.

Il-Qorti tilqa is-seba' eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna illi fic-certifikat tat-twelid tal-minuri il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid tal-minuri; Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------